**Minuti tal-10 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ħamis 14 ta' Mejju 2015 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u spiċċat fil-6.20 P.M.**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sur. Gatt reġa saqsa fuq il-mera li kellha issir fi Triq San Vinċenż, meta din se ssir.

3.2 Ic-chairperson semma li fi Triq Wied in-Noqor hemm żewġ ħofriet fejn hemm l-għatu tal-water culverts sabiex dawn jimtlew. Is-Segretarju qal li dawn qegħdin hekk biex ikun jista jidħol l-ilma tax-xita. Ic-chairperson qal li naraw jekk nistgħux nagħmlu xi ħaġa biex fl-istess ħin ikun jista jidħol l-ilma u ma jaqa ħadd.

3.3 Is-Segretarju qal li saru stickers temporanji li jippermettu li ġewwa l-Family Park ikunu jistgħu jinsaqu roti.

3.4 Joe Borg semma fuq ir-railings li kellhom isiru fil-Housing Estate. Is-Segretarju qal li se jerġa jara l- istima.

3.5 Ic-chairperson saqsa kif konna bqajna fuq Triq Wied in-Noqor. Is-Segretarju qal li huwa se jkompli jagħmel pressjoni mal-entitajiet konċernati.

3.6 Ic-chairperson reġa saqsa x' kien se jiġri fuq il-buffer zone li kellha issir madwar l-Industrial Estate ta' Ħal Luqa. Is-Segretarju qal li se jerġa jibgħat reminder lil Damian Whitehead li kien ġie site visit.

3.7 Is-Segretarju saqsa lill-membri tal-Kumitat jekk hemmx xi persuna li jistgħu jkellmuha fuq il-liwja ta' Triq Wied in-Noqor.

3.8 Ic-chairperson saqsa kif kienet baqgħet l-applikazzjoni li kellha issir fuq id-dwal li kellhom isiru fil-Housing Estate. Is-Segretarju qal li qed nistennew risposta minn naħa tal-Enemalta fuq l-applikazzjoni.

3.9 Ic-chairperson semma li fuq in-naħa fejn hemm il-Bandli m' hemmx bandli biżejjed u qal biex dawk li għad fadlilhom isiru fuq in-naħa fejn diġa hemm il-Bandli eżistenti.

3.10 Is-Sur. Gatt qal li bħala Kumitat għandhom ikunu ikkonsultati aktar fuq kif se jkun qed isir ix-xogħol. Is-Segretarju wara li wera l-pjanti tal-Bandli l-Kumitat issuġġerrixxa biex huma jitkellmu mas-Sindku sabiex jagħtihom aktar dettalji.

3.11 Raymond qal li hemm problema fuq fejn kien hemm ir-residential parking peress li xorta qed jibqa jkun hemm vetturi li mhux suppost jkunu ipparkjati hemm li jipparkjaw. Is-Segretarju qal lill-membri li bħala skemi minn naħa ta Transport Malta dawn kienu sospiżi u qal li huwa se jkun qed jerġa jiċċekkja m' uffiċċjali minn naħa tagħhom biex jara kif kienet baqgħet bħala pożizzjoni l-Awtorita.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 14 ta' Mejju 2015 fis-6.20 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-4 ta' Ġunju issuġġerritta għal laqgħa li jmiss.

_______________________ _______________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv